Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2295

9.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 116/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2295]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/664 tat-22 ta' April 2021 dwar qafas regolatorju għall-U-space ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/665 tat-22 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/373 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-forniturі tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħra tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru tal-U-space ddeżinjati fl-ispazju tal-ajru kkontrollat ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/666 tat-22 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 923/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-inġenji tal-ajru bi bdot abbord li joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66wk (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012):

"— **32021 R 0666**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/666 tat-22 ta' April 2021 (ĠU L 139, 23.4.2021, p. 187)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66xg (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373):

"— **32021 R 0665**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/665 tat-22 ta' April 2021 (ĠU L 139, 23.4.2021, p. 184)."

3. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 66zbd (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/723) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"66zbe. **32021 R 0664**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/664 tat-22 ta' April 2021 dwar qafas regolatorju għall-U-space (ĠU L 139, 23.4.2021, p. 161)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/664, (UE) 2021/665 u (UE) 2021/666 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 139, 23.4.2021, p. 161.
([2]) ĠU L 139, 23.4.2021, p. 184.
([3]) ĠU L 139, 23.4.2021, p. 187.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 114/2023 tat-28 ta' April 2023 ([4]), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2023 tat-28 ta' April 2023 ([5]), skont liema data tkun l-aktar reċenti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([4]) ĠU L, 2023/2294, 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/2023/2294/oj.

([5]) ĠU L, 2023/2264, 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/2023/2264/oj.